## BIEX IL-QRAR IĦALLI L-FROTT

**L-EWWEL QARI**
**Qari mit-Tieni Ktieb ta' Samwel.**
**2 Sam 12, 7-10, 13**

F'dak iż-żmien: Natan qal lil David: "Dan igħid il-Mulej, Alla ta' Israel: Jiena dliktek sultan fuq Israel, jiena ħlistek minn idejn Sawl, u tajtek id-dar ta' sidek u n-nisa ta' sidek fi ħdanek; tajtek id-dar ta' Israel u ta' Ġuda; u jekk dan kien għadu ftit, kont inżidlek daqshekk ieħor. Għaliex mela stmerrejt il-kelma tal-Mulej u għamilt il-ħażin f'għajnejh? Drabt lil Urija l-Ħitti bis-sejf, ħadt 'il martu b'martek, u lilu qtiltu bis-sejf tal-Għammonin. U issa ma jitwarrab qatt is-sejf mill-familja tiegħek talli int stmerrejtni u ħadt lil mart Urija l-Ħitti biex tkun martek.''
Qal David lil Natan: "Jiena dnibt kontra l-Mulej!'' U Natan wieġeb lil David: "Il-Mulej ħafirlek il-ħtija tiegħek; inti ma tmutx.''

**Il-Kelma tal-Mulej**
**Inroddu ħajr lil Alla**

**SALM RESPONSORJALI**
**Salm 31**
**Aħfirli, Mulej, il.-ħażen ta' dnubi.**

Ħieni l-bniedem li ħtijietu maħfura,
li għandu d-dnub tiegħu mistur.
Ħieni l-bniedem li ebda ħażen ma jgħoddlu l-Mulej,
u li ma għandu f'qalbu ebda qerq!

**R/. Aħfirli, Mulej, il-ħażen ta' dnubi.**

Id-dnub tiegħi jien stqarrejtlek,
u l-ħażen tiegħi ma ħbejtux;
jien għidt "Nistqarr ħtijieti quddiem il-Mulej.''
U inti ħfirtli l-ħażen ta' dnubi.

**R/. Aħfirli, Mulej, il-ħażen ta' dnubi.**

Int kenn għalija, tħarisni mit-taħbit,
b'għana ta' ħelsien inti ddawwarni.
Ifirħu fil-Mulej u thennew, o twajbin,
għajtu bil-ferħ, intom ta' qalbkom safja.

**R/. Aħfirli, Mulej, il-ħażen ta' dnubi.**

**IT-TIENI QARI**
**Qari mill-Ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Galatin**
**Gal 2, 16, 19-21**

Ħuti: Aħna, li nafu li l-bniedem ma jkunx iġġustifikat bl-opri tal-liġi imma bil-fidi f'Ġesu' Kristu, aħna wkoll emminna f'Ġesu' Kristu, sabiex inkunu ġġustifikati bil-

fidi fi Kristu u mhux bl-opri tal-liġi, għaliex bl-opri tal-liġi ebda bniedem ma jkun iġġustifikat.
Imma jien permezz tal-liġi mitt għal-liġi biex ngħix għal Alla: issallabt ma' Kristu. Ngħix, imma mhux jien, iżda Kristu jgħix fija. Il-ħajja li ngħix fil-ġisem qiegħed ngħixha bil-fidi fl-Iben ta' Alla, li ħabbni u ta ruħu għalija. Miniex inġib fix-xejn il-grazzja ta' Alla; għaliex, kieku l-ġustifikazzjoni kellha tiġi mil-liġi, Kristu kien ikun miet għalxejn.

**Il-Kelma tal-Mulej**
**Inroddu ħajr lil Alla**

**HALLELUJAH**
**Hallelujah. Hallelujah.**
Ilqgħu bil-ħlewwa l-kelma mħawla fikom,
li tista' ssalvalkom irwieħkom.
**Hallelujah.**

**L-EVANĠELJU**
**Qari mill-Evanġelju ta' San Luqa**
**Lq 7, 36-8, 3**

F'dak iż-żmien: Wieħed mill-Fariżej stieden 'il Ġesu' għandu għall-ikel; daħal għand il-Fariżew u qagħad fil-mejda. Issa fil-belt kien hemm midinba magħrufa; din, meta saret taf li kien għall-mejda għand il-Fariżew, ġiebet vażett ta' l-alabastru biż-żejt ifuħ, marret qagħdet in-naħa ta' warajh ħdejn riġlejh, tibki u xxarrablu riġlejh bi dmugħha u tixxottahomlu b'xagħar rasha, u bisitlu riġlejh u dilkithomlu biż-żejt ifuħ. Kif ra hekk il-Fariżew li stiednu qal fih innifsu: "Dan, li kien profeta, kien ikun jaf min hi u x'mara hi din li qiegħda tmissu, midinba bħalha!''
Imma Ġesu' qabad u qallu: Xmun, għandi ħaġa xi ngħidlek.'' "Għid, Mgħallem'', qallu dak. "Tnejn min-nies kellhom id-dejn ma' wieħed li jislef il-flus: wieħed kellu jagħtih ħames mitt dinar u l-ieħor ħamsin. Min fejn iħallsu dejnhom ma kellhomx, u hu ħafirlhom it-tnejn. Min minnhom se jħobbu l-iżjed?'' Wieġeb Xmun u qal: "Jidhirli jien li dak li lilu ħafirlu l-iżjed.'' "Qtajt sewwa'', qallu Ġesu'.
Imbagħad dar lejn il-mara u qal lil Xmun: "Qiegħed taraha din il-mara? Dħalt għandek, u ilma għal riġlejja ma tajtnix, iżda hi riġlejja xarrrbithomli bi dmugħha u xxuttathomli b'xagħarha. Bewsa ma tajtnix, iżda hi minn x'ħin daħlet ma waqfitx tbusli riġlejja. Rasi m dlikthielix biż-żejt, imma hi dilkitli riġlejja b'żejt ifuħ. Għalhekk ngħidlek li dnubietha, li kienu ħafna, inħafrulha, ladarba ħabbet ħafna: imma min jinħafirlu ftit, ftit iħobb.''
Imbagħad qal lilha: "Dnubietek maħfura; Dawk li kienu fil-mejda miegħu bdew igħidu fihom innifishom: "Dan min hu biex jaħfer id-dnubiet ukoll?'' Iżda hu qal lill-mara: "Il-fidi tiegħek salvatek: mur fis-sliem.''
Wara dan huwa qagħad idur l-ibliet u l-irħula, jippriedka u jxandar il-Bxara t-Tajba tas-Saltna ta' Alla. Kellu miegħu t-Tnax u xi nisa li kienu tfejqu mill-ispirti ħżiena u l-mard: Marija li kienu jgħidulha ta' Magdala, li minnha kienu ħarġu seba' xjaten, Ġwanna, mart Ħuża, prokuratur ta' Erodi, Susanna, u ħafna oħrajn, li kienu jaqduhom minn ġidhom.

**Il-Kelma tal-Mulej**
**It-Tifħir Lilek Kristu.**